# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

19 ta' Marzu 2009 *

Fil-Kawża C-510/06 P,

li għandha bħala suġġett appell taħt l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, ippreżentat fil-11 ta' Diċembru 2006,

**Archer Daniels Midland Co.,** stabbilita f'Decatur, Illinois (l-Istati Uniti), irrappreżentata minn M. Garcia, solicitor, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

appellanti,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

**Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej,** irrappreżentata minn A. Bouquet u X. Lewis, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

konvenuta fl-ewwel istanza,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn P. Jann, President tal-Awla, A. Tizzano, A. Borg Barthet, E. Levits (Relatur) u J-J. Kasel, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: V. Trstenjak,
Reġistratur: R. Grass,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2008,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħha, Archer Daniels Midland Co. (iktar 'il quddiem "ADM") titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tas-27 ta' Settembru 2006, Archer Daniels Midland vs Il Kummissjoni (T-329/01, Ġabra p. II-3255, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata"), li permezz tagħha l-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet ir-rikors tagħha għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2001) 2931 finali tat-2 ta' Ottubru 2001, relatata ma' proċediment skont l-Artikolu 81 tat-Trattat KE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Kawża COMP/E-1/36.756 — Glukonat tas-sodju) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata") sa fejn din tikkonċernaha.

**Il-kuntest ġuridiku**

2 L-Artikolu 15(2) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 17, tas-6 ta' Frar 1962, l-ewwel regolament li jimplementa l-Artikoli [81] u [82] tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 3), jipprovdi:

"Il-Kummissjoni tista' perme[zz] ta' deċiżjoni timponi fuq l-impriżi jew assoċjazzjonijiet ta' mpriżi multi minn 1 000 sa 1 000 000 unità ta' rendikont, jew somma li taqbeż dan iżda li ma taqbiżx 10 % tat-turnover fis-sena ta' negozju preċedenti ta' kull impriża li tkun qed tipparteċipa fil-ksur fejn, jew intenzjonalment jew b'negliġenza:

(a) dawn jiksru l-Artikolu [81](1) jew l-Artikolu [82] tat-Trattat [...]

[...]

Fl-iffissar ta' l-ammont tal-multa, għandhom jiġu kkonsidrati kemm il-gravita kif ukoll id-dewmien tal-ksur."

3 Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Linji Gwida dwar il-metodi tal-kalkoli tal-multi imposti skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 u l-Artikolu 65(5) tat-

Trattat KEFA" (ĠU 1998, C 9, p. 3, iktar 'il quddiem il-"linji gwida") fost l-oħrajn tipprovdi:

"Il-prinċipji ndikati hawnhekk għandhom jiżguraw t-trasparenza u l-imparzjalità tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, f'għajnejn kemm ta' l-impriżi kif ukoll tal-Qorti tal-Ġustizzja, waqt li tinżamm id-diskrezzjoni li hi mogħtija lill-Kummissjoni skond il-leġislazzjoni rilevanti biex tistabbilixxi multi fil-limitu ta' 10 % tal-valur tal-bejgħ totali. Din id-diskrezzjoni għandha, mandankollu, issegwi politika koerenti u mhux diskriminatorja li hi konsistenti ma' l-għanijiet segwiti fil-penalizazzjoni tal-ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni.

Il-metodu l-ġdid li jistabbilixxi l-ammont ta' multa se jkun ibbażat fuq ir-regoli li ġejjin, li jibdew minn ammont bażiku li jiżdied biex jieħdu f'konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi aggravati jew imnaqqsa biex jieħdu f'konsiderazzjoni ċirkustanzi li jiskużaw il-gravità."

4 Skont ir-raba' u s-sitt subparagrafi tal-punt 1 A tal-Linji Gwida:

"Se jkun wkoll neċessarju li tiġi kunsidrata f'liema miżura l-awturi tal-ksur għandhom il-kapaċità effettiva ekonomika biex joħolqu theddid sinifikanti għall-operaturi l-oħra, b'mod partikolari konsumaturi, u li tiġi stabbilita l-multa f'livell li jiggarantixxi effett suffiċjentament diswassiv.

[...]

Meta ksur jinvolvi iktar minn impriża waħda (eż konsorzji), jista' jkun neċessarju f'ċerti każijiet li jiġu applikati ko-effiċjenti korrettivi lill-ammonti determinati f'kull waħda mit-tliet kategoriji sabiex jiġi kunsidrat il-piż speċifiku u, għalhekk, l-impatt reali tal-kondotta offensiva ta' kull impriża li hi f'kompetizzjoni, partikolarment meta hemm disparità konsiderabbli bejn id-daqs ta' l-impriżi li qed jikkommettu ksur ta' l-istess tip."

5 Il-punt 3 tal-Linji Gwida intitolat "Ċirkustanzi li jiskużaw il-gravità" huwa fformulat kif ġej:

"L-ammont bażiku se jitnaqqas meta jkun hemm ċirkustanzi li jiskużaw il-gravità bħal:

[…]

— tmiem tal-ksur hekk kif tintervjeni l-Kummissjoni (b'mod partikolari meta jsiru l-kontrolli),

[…]"

**Id-deċiżjoni kkontestata**

*L-akkordju*

6 Il-Kummissjoni indirizzat id-deċiżjoni kkontestata lil sitt impriżi produtturi tal-glukonat tas-sodju, li huma Akzo Nobel NV (iktar 'il quddiem "Akzo"), ADM, Coöperatieve Verkoop- en Productievereniging van Aardappelmeel en Derivaten Avebe BA (iktar 'il quddiem "Avebe"), Fujisawa Pharmaceutical Co. Ltd (iktar 'il quddiem "Fujisawa"), Jungbunzlauer AG (iktar 'il quddiem "JBL") u Roquette Frères SA (iktar 'il quddiem "Roquette").

7 Il-glukonat tas-sodju jagħmel parti mill-aġenti kelanti, li huma prodotti li jagħmlu inattivi l-jonijiet metalliċi fil-proċessi industrijali. Dawn il-proċessi jinkludu, b'mod partikolari, it-tindif industrijali, it-trattament tal-uċuħ u t-trattament tal-ilma. L-aġenti kelanti huma għaldaqstant użati fl-industrija tal-ikel, fl-industrija kożmetika, fl-industrija farmaċewtika, fl-industrija tal-karta, fl-industrija tal-konkrit u f'industriji oħra.

8 Fix-xhur ta' Ottubru u Diċembru 1997, kif ukoll fix-xahar ta' Frar 1998, il-Kummissjoni ġiet informata li, wara l-ftuħ ta' inkjesta mill-Ministeru tal-Ġustizzja Amerikan, Akzo, Avebe, Glucona vof (iktar 'il quddiem "Glucona") impriża li sal-1995 kienet ikkontrollata minn Akzo Chemie BV, sussidjarja 100 % ta' Akzo u ta' Avebe, Fujisawa u Roquette kienu rrikonoxxew li kienu pparteċipaw f'akkordju li kien jikkonsisti fl-iffissar tal-prezzijiet tal-glukonat tas-sodju u fit-tqassim tal-volumi ta' bejgħ ta' dan il-prodott fl-Istati Uniti u f'pajjiżi oħra. Wara numru ta' ftehim konklużi mal-Ministeru tal-Ġustizzja, dawn l-impriżi flimkien ma' ADM ġew ikkundannati jħallsu multa.

9 Fit-18 ta' Frar 1998, il-Kummissjoni, skont l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 17 bagħtet talbiet għal informazzjoni lill-produtturi, importaturi, esportaturi u klijenti prinċipali tal-glukonat tas-sodju fl-Ewropa. Dik it-talba ma ntbagħtitx lil ADM.

10 Wara dawn it-talbiet, Fujisawa wriet ix-xewqa li tikkoopera mal-Kummissjoni fuq il-bażi tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar in-nuqqas ta' impożizzjoni jew tnaqqis ta' multi f'każijiet ta' kartell (ĠU 1996, C 207, p. 4, iktar 'il quddiem il-"komunikazzjoni fuq il-kooperazzjoni").

11 Fl-10 ta' Novembru 1998, il-Kummissjoni bagħtet talba għal informazzjoni lil ADM li informatha bl-intenzjoni tagħha li tikkoopera.

12 Fid-dawl tal-informazzjoni li ġiet ikkomunikata lilha, kif ukoll fid-dawl ta' provi oħra, il-Kummissjoni kkonstatat li l-impriżi inkriminati kienu pparteċipaw f'akkordju li jikkonsisti fl-allokazzjoni ta' kwoti ta' bejgħ, l-iffissar tal-prezzijiet minimi fuq is-suq tal-glukonat tas-sodju u l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' sorveljanza, li r-regoli dettaljati tagħhom ġew definiti matul il-laqgħat multilaterali u bilaterali li kienu jsiru b'mod regolari bejn il-parteċipanti tal-akkordju. Għaldaqstant, fis-17 ta' Mejju 2000, il-Kummissjoni bagħtet dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet lil ADM u lill-impriżi l-oħra kkonċernati għall-ksur tal-Artikolu 81(1) KE u tal-Artikolu 53(1) tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, tat-2 ta' Mejju 1992 (ĠU 1994, L 1, p. 3). L-ebda waħda minn dawn l-impriżi ma talbet li tinżamm seduta jew ikkontestat fis-sustanza l-fatti esposti fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.

*It-tul ta' żmien tal-akkordju*

13 Il-Kummissjoni kkunsidrat li l-akkordju dam għaddej mix-xahar ta' Frar 1987 sax-xahar ta' Ġunju 1995, meta jittieħed inkunsiderazzjoni kull parteċipant. F'dan ir-rigward, hija kkunsidrat il-laqgħa ta' bejn it-3 u l-5 ta' Ġunju 1995 li nżammet f'Anaheim (l-Istati Uniti) (iktar 'il quddiem il-"laqgħa ta' bejn it-3 u l-5 ta' Ġunju 1995") bħala l-aħħar tentattiv li jitkompla l-akkordju inkriminat. Permezz ta' dan, hija ma kkunsidratx li ADM kienet temmet il-parteċipazzjoni tagħha fl-akkordju fl-4 ta' Ottubru 1994, matul il-laqgħa li seħħet bejn il-parteċipanti f'Londra (ir-Renju Unit) (iktar 'il quddiem il-"laqgħa tal-4 ta' Ottubru 1994").

*Il-multi*

14 Għall-iffissar tal-ammont tal-multi, il-Kummissjoni użat il-metodu espost fil-Linji Gwida, kif ukoll il-komunikazzjoni fuq il-kooperazzjoni.

15 Fl-ewwel lok, il-Kummissjoni ddeterminat l-ammont bażiku tal-multa skont il-gravità u t-tul tal-ksur.

16 Fl-ewwel lok, għal dak li jikkonċerna l-gravità tal-ksur, fil-premessa tliet mija wieħed u sebgħin tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkwalifikat il-ksur bħala wieħed gravi ħafna, fid-dawl tan-natura tiegħu, tal-impatt konkret tiegħu fuq is-suq tal-glukonat tas-sodju fiż-Żona Ekonomika Ewropea u fuq id-daqs tas-suq ġeografiku kkonċernat.

17 Sussegwentement, fil-premessi tliet mija tmienja u sebgħin sa tliet mija ħamsa u tmenin tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset li kellha tieħu inkunsiderazzjoni l-kapaċità ekonomika reali ta' preġudizzju għall-kompetizzjoni, u tistabbilixxi l-multa f'livell li jiggarantixxi effett dissważiv suffiċjenti. Konsegwentement, filwaqt li bbażat ruħha fuq id-dħul mill-bejgħ dinji magħmul mill-impriżi kkonċernati mill-bejgħ tal-glukonat tas-sodju matul is-sena 1995, l-aħħar sena tal-perijodu tal-ksur, ikkomunikati mill-impriżi kkonċernati wara talbiet għal informazzjoni tal-Kummissjoni u li abbażi tagħhom il-Kummissjoni kkalkolat l-ishma fis-suq rispettivi ta' dawn l-impriżi, il-Kummissjoni kklassifikat dawn l-impriżi f'żewġ kategoriji. Fl-ewwel kategorija, hija kklassifikat l-impriżi li, skont l-informazzjoni li kellha, kellhom ishma fis-suq dinji tal-glukonat tas-sodju ta' iktar minn 20 %, jiġifieri Fujisawa (35.54 %), JBL (24.75 %) u Roquette (20.96 %). Għal dawn l-impriżi, il-Kummissjoni ffissat ammont inizjali ta' EUR 10 miljun. Fit-tieni kategorija, hija kklassifikat l-impriżi li, skont l-informazzjoni li kellha, kellhom ishma fis-suq dinji tal-glukonat tas-sodju ta' inqas minn 10 %, jiġifieri Glucona (madwar 9.5 %) u ADM (9.35 %). Għal dawn l-impriżi, il-Kummissjoni ffissat l-ammont inizjali tal-multa ta' EUR 5 miljun, jiġifieri għal Akzo u Avebe li flimkien kellhom il-proprjetà ta' Glucona, kull waħda b'parti ta' EUR 2.5 miljun.

18 Minbarra dan, sabiex tassigura li l-multa jkollha effett suffiċjentement dissważiv, minn naħa, u sabiex tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-impriżi kbar għandhom għarfien u infrastrutturi ġuridiċi u ekonomiċi li jagħtuhom il-possibbiltà li japprezzaw aħjar li l-imġiba tagħhom tikkostitwixxi ksur u li jkollhom għarfien tal-konsegwenzi li jirriżultaw mill-imġiba tagħhom taħt id-dritt tal-kompetizzjoni, min-naħa l-oħra, fil-premessa tliet mija tmienja u tmenin tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni aġġustat dan l-ammont inizjali. Konsegwentement, filwaqt li ħadet inkunsiderazzjoni d-daqs u r-riżorsi globali tal-impriżi kkonċernati, il-Kummissjoni applikat koeffiċjent multiplikatur ta' 2.5 għall-ammonti ta' tluq stabbiliti għal ADM u AKZO u għaldaqstant żiedet dan l-ammont inizjali b'tali mod li ġie ffissat għal EUR 12.5 miljun fil-każ ta' ADM u għal EUR 6.25 miljun fil-każ ta' Akzo.

19 Fil-premessi tliet mija disgħa u tmenin sa tliet mija tnejn u disgħin tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni indikat li sabiex tieħu inkunsiderazzjoni t-tul ta' żmien tal-ksur imwettaq minn kull impriża, l-ammont inizjali kellu jiġi miżjud b'10 % fis-sena, jiġifieri żieda ta' 80 % għal Akzo, Avebe, Fujisawa u Roquette, u żieda ta' 70 % għal JBL u ta' 35 % għal ADM.

20 Għaldaqstant, fil-premessa tliet mija sitta u disgħin tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ffissat l-ammont bażiku tal-multi għal EUR 11.25 miljun għal dak li jikkonċerna lil Akzo, EUR 16.88 miljun għal dak li jikkonċerna lil ADM, EUR 4.5 miljun għal dak li jikkonċerna lil Avebe, EUR 18-il miljun għal dak li jikkonċerna lil Fujisawa u lil Roquette, u għal EUR 17-il miljun għal dak li jikkonċerna lil JBL.

21 Fit-tieni lok, kif jirriżulta mill-premessa erba' mija u tlieta tad-deċiżjoni kkontestata, l-ammont bażiku tal-multa imposta fuq JBL ġie miżjud b'50 % minħabba ċirkustanzi aggravanti, għar-raġuni li din l-impriża kellha rwol ta' mexxej fil-kuntest tal-akkordju.

22 Fit-tielet lok, fil-premessi erba' mija u erbgħa sa erba' mija u għaxra tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni eżaminat u ċaħdet l-argumenti ta' ċerti impriżi, fosthom

ADM, li kienu tal-fehma li dawn l-impriżi kellhom jibbenefikaw minn ċirkustanzi attenwanti.

23 Fir-raba' lok, skont it-Titolu B tal-komunikazzjoni fuq il-kooperazzjoni, il-Kummissjoni kkonċediet lil Fujisawa "tnaqqis sinjifikattiv ħafna" jiġifieri 80 % tal-ammont tal-multa li kienet tiġi imposta fuqha fin-nuqqas ta' kooperazzjoni, kif jirriżulta mill-premessa erba' mija u tmintax tad-deċiżjoni kkontestata. Barra minn hekk, fil-premessa erba' mija tlieta u għoxrin ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni kkunsidrat li ADM ma kinitx tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Titolu Ċ ta' din il-komunikazzjoni sabiex tibbenefika minn "tnaqqis sinjifikattiv" fl-ammont tal-multa tagħha. Fl-aħħar nett, skont it-Titolu D ta' din il-komunikazzjoni, fil-premessi erba' mija sitta u għoxrin u erba' mija sebgħa u għoxrin ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni kkonċediet "tnaqqis sinjifikattiv", jiġifieri ta' 40 % tal-ammont tal-multa imposta lil ADM u Roquette, u ta' 20 % lil Akzo, Avebe u JBL.

*Id-dispożittiv tad-deċiżjoni kkontestata*

24 Skont l-Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni kkontestata, is-sitt impriżi li għalihom hija kienet indirizzata, "kisru l-Artikolu 81(1) KE [...] billi pparteċipaw fi ftehim u/jew prattika miftiehma kontinwa fis-settur tal-glukonat tas-sodju".

25 L-Artikolu 1(2) ta' din id-deċiżjoni jipprovdi li fil-każ ta' Akzo, Avebe, Fujisawa u Roquette il-ksur dam għaddej mix-xahar ta' Frar 1987 sax-xahar ta' Ġunju 1995, fil-każ ta' JBL dam mix-xahar ta' Mejju 1998 sax-xahar ta' Ġunju 1995 u fil-każ ta' ADM dam mix-xahar ta' Ġunju 1991 sax-xahar ta' Ġunju 1995.

26 L-Artikolu 3 tad-dispożittiv tad-deċiżjoni kkontestata jipprovdi kif ġej:

"Qed jiġu imposti l-multi segwenti għall-ksur imsemmi fl-Artikolu 1:

| | |
|---|---|
| a) [Akzo] | EUR 9 miljun |
| b) [ADM] | EUR 10.13 miljun |
| ċ) [Avebe] | EUR 3.6 miljun |
| d) [Fujisawa] | EUR 3.6 miljun |
| e) [JBL] | EUR 20.4 miljun |
| f) [Roquette] | EUR 10.8 miljun." |

**Il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza u s-sentenza appellata**

27 Fil-21 ta' Diċembru 2001, ADM fetħet kawża quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza kontra d-deċiżjoni kkontestata.

28 Permezz tar-rikors tagħha, ADM talbet l-annullament tal-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata safejn jirrigwardaha, jew, għall-inqas, safejn huwa jikkunsidra li hija pparteċipat fi ksur wara l-4 ta' Ottubru 1994, tal-Artikolu 3 tad-deċiżjoni kkontestata safejn jirrigwardaha u, sussidjarjament, l-annullament jew it-tnaqqis sostanzjali tal-ammont tal-multa li ġiet imposta fuqha.

29 Insostenn tar-rikors tagħha, ADM ippreżentat erba' motivi li jinkludu diversi argumenti.

30 Fl-ewwel lok, ADM invokat applikazzjoni żbaljata tal-Linji Gwida fil-każ inkwistjoni. B'mod partikolari, hija indikat li l-Kummissjoni ma wriet l-ebda kunsiderazzjoni ta' politika Komunitarja tal-kompetizzjoni li tiġġustifika żieda sostanzjali fl-ammont tal-multa permezz tal-applikazzjoni tal-Linji Gwida.

31 Il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet dan il-motiv billi qieset, minn naħa, fil-punt 44 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni ma setgħetx tiġi mċaħħda d-dritt li tgħolli l-livell tal-multi sabiex tassigura l-implementazzjoni tal-politika Komunitarja tal-kompetizzjoni u, min-naħa l-oħra, fil-punti 47 u 48 ta' din is-sentenza, li ż-żieda tal-livell tal-multi mill-Kummissjoni ma kinitx manifestament sproporzjonata meta mqabbla mal-għan li tassigura din l-implementazzjoni u li kellu jkun raġjonevolment prevedibbli għal ADM li l-Kummissjoni tista', f'kull mument tirrevedi l-livell ġenerali tal-multi fil-kuntest tal-implementazzjoni ta' politika differenti ta' kompetizzjoni.

32 Fit-tieni lok, ADM ikkontestat l-evalwazzjoni tal-gravità tal-ksur u argumentat, b'mod iktar speċifiku, li l-Kummissjoni ma ħaditx biżżejjed inkunsiderazzjoni l-ammont limitat tad-dħul mill-bejgħ tal-glukonat tas-sodju li hija għamlet.

33 Wara li fakkret, fil-punti 76 u 77 tas-sentenza appellata, li d-dħul mill-bejgħ huwa wieħed mill-elementi li jippermettu li tiġi stabbilita l-multa, il-Qorti tal-Prim'Istanza qieset, fil-punt 86 ta' din is-sentenza, li l-Kummissjoni kienet tabilħaqq ħadet inkunsiderazzjoni d-dħul mill-bejgħ tal-glukonat tas-sodju tal-parteċipanti fl-akkordju sabiex tapplika trattament differenti għall-impriżi kkonċernati.

34 Fit-tielet lok, ADM sostniet, fil-kuntest tal-istess motiv ibbażat fuq l-evalwazzjoni tal-gravità tal-ksur, li l-Kummissjoni kienet kisret il-prinċipju ta' trattament ugwali, sa fejn hija imponiet multa ta' ammont kunsiderevolment inqas fil-każ li wassal għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/437/KE, tal-11 ta' Diċembru 2001, dwar proċedura mibdija abbażi tal-Artikolu 81 tat-Trattat KE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Kawża COMP/E-1/37.027 — Fosfat taż-żingu) (ĠU 2003, L 153, p. 1, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni fosfat taż-żingu"), f'ċirkustanzi li huma komparabbli ma' dawk tal-ksur f'dan il-każ.

35 F'dan ir-rigward, fil-punti 107 sa 111 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza fakkret li l-prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni ma kinitx isservi bħala qafas ġuridiku għall-multi fil-qasam tal-kompetizzjoni u li għaldaqstant, l-argument tal-appellanti ma kienx validu. Barra minn hekk, fil-punt 113 ta' din is-sentenza, hija żiedet li ċ-ċirkustanzi tal-kawża li wasslu għas-sentenza appellata u dawk li wasslu għas-sentenza fosfat taż-żingu kienu, prima facie, differenti, meta kkunsidrat li, fi kwalunkwe każ u abbażi tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, kien meħtieġ li jinżamm l-ammont bażiku stabbilit mill-Kummissjoni għall-ksur imwettaq minn ADM.

36 Fir-raba' lok, u dejjem fil-kuntest tal-motiv ibbażat fuq l-evalwazzjoni tal-gravità tal-ksur, ADM sostniet li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta eskludiet mis-suq rilevanti s-sostituti tal-glukonat tas-sodju.

37 Filwaqt li, fil-punt 237 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza osservat li ADM ma ressqitx provi li l-impatt tal-akkordju dwar il-glukonat tas-sodju fuq is-suq l-iktar wiesa' tal-aġenti ta' kelatina kien ineżistenti, jew għall-inqas, negliġibbli, hija ċaħdet dan l-argument.

38 Fil-ħames lok, fil-kuntest tal-motiv ibbażat fuq l-evalwazzjoni żbaljata tat-tul ta' żmien tal-ksur, ADM ikkontestat l-eżami magħmul mill-Kummissjoni tal-imġiba tagħha matul il-laqgħa tal-4 ta' Ottubru 1994.

39 Fil-punt 247 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza osservat li ADM ma kinitx tbiegħdet pubblikament mill-akkordju matul din il-laqgħa, u kkonfermat l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni, li l-imġiba ta' ADM tista' tiġi kwalifikata bħala strateġika. Fil-punti 248 sa 250 ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Prim'Istanza osservat li x-xhieda tal-parteċipanti l-oħra tikkorrabora dan l-argument.

40 Fis-sitt lok, fir-rigward tal-istess motiv ibbażat fuq l-evalwazzjoni żbaljata tat-tul ta' żmien tal-ksur, ADM ikkritikat lill-Kummissjoni li kkunsidrat il-laqgħa ta' bejn it-3 u l-5 ta' Ġunju 1995 bħala prova li l-akkordju seħħ f'din id-data.

41 Il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet dan l-argument permezz ta' raġunament ibbażat fuq ħames elementi u, b'mod partikolari, billi enfasizzat, fil-punt 263 tas-sentenza appellata, li nota pprovduta minn Roquette matul l-imsemmija laqgħa kienet tikkorrabora t-teżi tal-Kummissjoni.

42 Fis-seba' lok, fil-kuntest tal-motiv ibbażat fuq l-evalwazzjoni żbaljata tal-Kummissjoni fir-rigward tal-applikazzjoni taċ-ċirkustanzi attenwanti, ADM sostniet li l-Kummissjoni, b'mod żbaljat, ma ħallithiex tibbenefika minn tnaqqis fil-multa, sa fejn hija kienet temmet l-imġiba tagħha ta' ksur wara l-ewwel intervent tal-awtoritajiet Amerikani tal-kompetizzjoni.

43 Wara li, fil-punti 277 sa 280 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza tat interpretazzjoni tal-punt 3 tal-Linji Gwida, fil-punt 283 tal-imsemmija sentenza hija kkonkludiet li l-imġiba ta' ADM ma tistax twassal għall-benefiċċju ta' ċirkustanzi attenwanti u, għaldaqstant, ċaħdet dan il-motiv kif ukoll il-kumplament tar-rikors.

**It-talbiet tal-partijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**

44 ADM titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja:

— tannulla s-sentenza appellata sa fejn il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet ir-rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni kkontestata;

— tannulla l-Artikolu 3 tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn jikkonċernaha;

— sussidjarjament, temenda l-imsemmi Artikolu 3 sabiex titnaqqas jew tiġi annullata l-multa imposta fuqha;

— sussidjarjament, tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza sabiex hija tiddeċiedi b'mod konformi mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq il-liġi, u

— f'kull każ, tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tagħha u għal dawk ta' ADM li huma relatati mal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza u l-Qorti tal-Ġustizzja.

45 Il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja:

— tiċħad l-appell, u

— tikkundanna lil ADM għall-ispejjeż.

**L-appell**

46 Insostenn tal-appell tagħha, ADM tqajjem, essenzjalment, erba' aggravji bbażati fuq:

— żball ta' liġi fl-applikazzjoni tal-prinċipji relatati mal-kalkolu tal-ammont tal-multa, sa fejn il-Qorti tal-Prim'Istanza applikat prinċipju żbaljat sabiex tiddetermina dan l-ammont;

— żball ta' liġi fl-evalwazzjoni tal-impatt tal-akkordju fuq is-suq rilevanti;

— żball ta' liġi fl-iffissar tad-data ta' tmien l-akkordju, u

— sussidjarjament, żball ta' liġi fir-rigward ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' ċirkustanzi attenwanti.

*Fuq l-ewwel aggravju, ibbażat fuq żball ta' liġi fl-applikazzjoni tal-prinċipji relatati mal-kalkolu tal-ammont tal-multa*

L-argumenti tal-partijiet

47 L-ewwel aggravju invokat minn ADM huwa maqsum fi tliet partijiet.

— Fuq l-ewwel parti tal-ewwel aggravju, bbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni

48 Skont ADM, il-Qorti tal-Prim'Istanza naqset milli tiġġustifika l-fatt li l-ammont tal-multa impost, li skont il-prassi preċedenti tal-Kummissjoni kellu jkun ħafna inqas minn dak skont l-applikazzjoni retroattiva tal-Linji Gwida, ġie miżjud b'mod daqshekk sinjifikattiv. Filwaqt li tirrikonoxxi li l-Kummissjoni għandha setgħa diskrezzjonali llimitata sabiex tistabbilixxi l-ammont tal-multi imposti, ADM madankollu tenfasizza li l-Kummissjoni marret lil hinn mis-setgħa tagħha ladarba ma pprovatx, permezz ta' kunsiderazzjonijiet ta' politika Komunitarja tal-kompetizzjoni, in-neċessità għaż-żieda fil-livell tal-multa. Issa, la l-Kummissjoni u lanqas il-Qorti tal-Prim'Istanza ma ressqu ġustifikazzjonijiet ta' dan it-tip, għalkemm skont ġurisprudenza kostanti, tali prova hija mitluba (sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ġunju 1983, Musique Diffusion française *et* vs Il-Kummissjoni, 100/80 sa 103/80, Ġabra p. 1825, punti 108 u 109, u tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, Ġabra p. I-5425, punt 227) kif ukoll fid-dawl tar-rekwiżit, definit fl-ewwel paragrafu tal-Linji Gwida, li l-politika wara l-multi tkun koerenti u non-diskriminatorja.

49 Il-Kummissjoni tosserva li l-Qorti tal-Prim'Istanza wieġbet, fis-sentenza appellata, l-argumenti ta' ADM dwar l-applikazzjoni, f'dan il-każ, tal-Linji Gwida sabiex jiġi ffissat l-ammont tal-multa u, għaldaqstant, iġġustifikat iż-żieda li tirriżulta minnha. Hija tenfasizza li kull motivazzjoni oħra hija superfluwa, sa fejn il-Linji Gwida għandhom l-għan li jrendu trasparenti l-metodi tal-istabbiliment tal-multi.

— Fuq it-tieni parti tal-ewwel aggravju, ibbażata fuq l-inosservanza tal-kriterji stabbiliti mis-sentenza Musique Diffusion française et vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq

50 Skont ADM, billi kkonstatat, b'mod partikolari fil-punt 47 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni ssodisfat il-kriterji stabbiliti mis-sentenza Musique Diffusion française et vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, u b'dan il-mod, iġġustifikat is-setgħa diskrezzjonali tagħha li żżid il-multa, il-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball ta' liġi. Fil-fatt, la l-Kummissjoni u lanqas il-Qorti tal-Prim'Istanza ma ressqu kunsiderazzjonijiet li jiġġustifikaw żieda fl-ammont tal-multa li jaqbeż l-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Linji Gwida dwar il-metodi tal-kalkoli tal-multi imposti skont l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003" (ĠU 2006, C 210, p. 2).

51 B'mod prinċipali, il-Kummissjoni tikkunsidra li t-tieni parti tal-ewwel aggravju hija inammissibbli, inkwantu hija biss kontestazzjoni ġenerali u vaga tal-ammont tal-multa kif ikkonfermata mill-Qorti tal-Prim'Istanza u, għaldaqstant, hija biss talba għal eżami mill-ġdid. Dan ikun ifisser, għall-anqas, repetizzjoni tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju. Sussidjarjament, il-Kummissjoni tfakkar li huwa grazzi għal ġurisprudenza konsistenti, ikkonfermata fl-aħħar lok mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-18 ta' Mejju 2006, Archer Daniels Midland u Archer Daniels Midland Ingredients vs Il-Kummissjoni (C-397/03 P, Ġabra p. I-4429, punti 20 u 21) li hija tista' tadatta, f'kull waqt, il-livell tal-multa skont ma teħtieġ il-politika Komunitarja tal-kompetizzjoni.

— Fuq it-tielet parti tal-ewwel aggravju, ibbażata fuq il-ksur tal-prinċipji ġuridiċi li japplikaw għall-kalkolu tal-multi

52 ADM issostni li permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza awtorizzat lill-Kummissjoni sabiex ma tieħux id-dħul mill-bejgħ tal-prodott ikkonċernat bħala bażi ta' kalkolu sabiex tiffissa l-ammont tal-multa. Għaldaqstant, fil-punti 84 sa 87 tas-sentenza appellata, dan id-dħul mill-bejgħ huwa użat biss sabiex jiġu applikati koeffiċjenti differenzjali għall-kalkolu tal-multa. Issa, il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni msemmija fil-punt 50 ta' din is-sentenza tenfasizza, bil-kontra ta' dak deċiż mill-Qorti tal-Prim'Istanza, li d-dħul mill-bejgħ jikkostitwixxi l-punt inizjali għall-kalkolu tal-ammont tal-multa. Fuq din il-bażi, l-ammont tal-multa jkun ħafna inqas minn dak li jirriżulta skont il-metodu ta' kalkolu żbaljat applikat mill-Kummissjoni u kkonfermat mill-Qorti tal-Prim'Istanza.

53 Fuq il-bażi tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Settembru 2006, Technische Unie vs Il-Kummissjoni (C-113/04 P, Ġabra p. I-8831, punt 196), il-Kummissjoni tenfasizza li l-Qorti tal-Prim'Istanza biss hija kompetenti sabiex tistħarreġ il-mod li bih il-Kummissjoni evalwat f'kull każ partikolari l-gravità tal-imġiba illegali. F'dan ir-rigward, hija tosserva li l-Qorti tal-Prim'Istanza ħadet inkunsiderazzjoni l-fatturi kollha rilevanti f'dan il-każ u wieġbet l-argumenti kollha ta' ADM. Barra minn hekk, jirriżulta mid-deċiżjoni kkontestata, kif ukoll mis-sentenza appellata li d-dħul mill-bejgħ tal-glukonat tas-sodju serva bħala bażi għall-kalkolu tal-multa.

— Fuq ir-raba' parti tal-ewwel aggravju, ibbażata fuq ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali

54 Skont ADM, l-akkordju li hija ppparteċipat fih kellu jiġi trattat b'mod identiku għal dak inkwistjoni fil-kawża li wasslet għad-deċiżjoni fosfat taż-żingu. Fil-fatt, bil-kontra ta' dak li ġie deċiż mill-Qorti tal-Prim'Istanza, bejn din il-kawża u dik li wasslet għad-

deċiżjoni kkontestata, m'hemmx differenzi oġġettivi rilevanti li jiġġustifikaw multi ta' ammonti differenti. Minn naħa, is-sentenzi ċċitati mill-Qorti tal-Prim'Istanza f'dan il-kuntest mhumiex rilevanti minħabba li ġew mogħtija qabel il-pubblikazzjoni tal-Linji Gwida. Min-naħa l-oħra, l-elementi li tibbaża ruħha fuqhom il-Qorti tal-Prim'Istanza sabiex, bis-saħħa tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, tikkonferma l-ammont tal-multa imposta, huma l-istess bħal dawk inkwistjoni fil-kawża li wasslet għad-deċiżjoni fosfat taż-żingu.

55 Fl-ewwel lok, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza ressqet elementi oġġettivi ta' distinzjoni bejn din il-kawża u dik li wasslet għad-deċiżjoni fosfat taż-żingu. Fit-tieni lok, ADM ma kkontestatx il-ġurisprudenza li tgħid li l-prassi deċiżjonali preċedenti tal-Kummissjoni ma sservix bħala qafas legali għall-multi fil-qasam tal-kompetizzjoni. Fit-tielet lok, jirriżulta mis-sentenza appellata li ADM ma pprovatx li kien hemm diskriminazzjoni fid-determinazzjoni tal-ammont tal-multa. Għaldaqstant, mhijiex il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tissostitwixxi l-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza bl-evalwazzjoni tagħha fir-rigward tal-ammont imsemmi, kif jirriżulta mis-sentenza tal-25 ta' Jannar 2007, Dalmine vs Il-Kummissjoni (C-407/04 P, Ġabra p. I-829, punt 152).

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

56 Permezz tal-ewwel żewġ partijiet tal-ewwel aggravju li għandhom jiġu ttrattati flimkien, ADM tilmenta li l-Qorti tal-Prim'Istanza ma weġbitx għall-argument tagħha li l-Kummissjoni, la fid-deċiżjoni kkontestata u lanqas fl-atti ppreżentati matul il-kawża fil-Prim'Istanza, ma tat ġustifikazzjoni jew ressqet provi li juru li l-implementazzjoni tal-politika Komunitarja tal-kompetizzjoni kienet teżiġi li tiġi imposta fuqha, skont l-applikazzjoni retroattiva tal-Linji Gwida, multa ta' ammont ħafna ogħla minn dawk osservati matul l-eżami tal-prassi preċedenti tal-Kummissjoni. B'dan il-mod, il-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball ta' liġi billi naqset milli teżiġi tali ġustifikazzjoni, li madankollu kienet neċessarja skont is-sentenza Musique Diffusion française et vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq.

57 Qabel kollox, għandu jiġi enfasizzat li fil-punti 43 sa 49 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza wieġbet għall-motiv ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' non-retroattività fuq il-bażi li l-ammont tal-multa imposta fuq ADM skont il-Linji Gwida huwa ogħla minn dak tal-multi imposti mill-Kummissjoni fil-passat.

58 Il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet dan il-motiv billi enfasizzat, fil-punt 48 tas-sentenza appellata, li ADM kellha raġjonevolment tkun tista' tipprevedi żieda fil-livell tal-multi, jekk dan kien stabbilit, fiż-żmien meta twettaq il-ksur ikkonċernat.

59 Fil-fatt, mill-ġurisprudenza mfakkra mill-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punt 46 tas-sentenza appellata, jirriżulta li l-impriżi involuti fi proċedura amministrattiva li tista' tagħti lok għal multa, għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni l-possibbiltà li, f'kull mument, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tgħolli l-livell tal-ammont tal-multi, meta mqabbel ma' dak applikat fil-passat. Dan japplika mhux biss meta l-Kummissjoni tgħolli l-livell tal-ammont tal-multi billi tiffissa multi f'deċiżjonijiet individwali, iżda wkoll meta din iż-żieda ssir permezz tal-applikazzjoni, bħal fil-każ preżenti, ta' regoli ta' kondotta li għandhom portata ġenerali bħal-Linji Gwida (sentenza Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punti 229 u 230).

60 F'dan il-każ, il-Kummissjoni applikat il-Linji Gwida, sabiex tiffissa l-ammont tal-multa imposta fuq ADM. Minn naħa, dawn tal-aħħar jistabbilixxu regola ta' kondotta li l-Kummissjoni ma tistax titbiegħed minnha. Inkella, tiġi sanzjonata minħabba ksur ta' prinċipji legali, bħat-trattament ugwali jew il-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi. Min-naħa l-oħra, huma jassiguraw iċ-ċertezza legali tal-impriżi kkonċernati billi jiddeterminaw il-metodi li l-Kummissjoni imponiet fuqha nfisha għall-iffissar tal-ammont tal-multi imposti skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Mejju 2008, Evonik Degussa vs Il-Kummissjoni u Il-Kunsill, C-266/06 P, punt 53).

61 Kif diġà ġie mfakkar fil-punt 43 tas-sentenza appellata, l-element ġdid prinċipali fil-Linji Gwida jikkonsisti fit-teħid bħala punt inizjali għall-kalkolu ammont bażiku li jiġi ddeterminat fuq il-bażi ta' kategoriji previsti f'dan ir-rigward mill-imsemmija Linji Gwida; dawn il-kategoriji jirriflettu d-diversi gradi ta' gravità tal-ksur, iżda, bħala tali, ma għandhomx x'jaqsmu mad-dħul mill-bejgħ rilevanti. Dan il-metodu huwa essenzjalment ibbażat fuq bażi tariffarja għall-multi, li madankollu hija relattiva u flessibbli (sentenza Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 225).

62 Fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-gravità tal-ksur, il-Kummissjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni diversi elementi li huma rilevanti għall-kalkolu tal-ammont tal-multa, b'mod partikolari, kunsiderazzjonijiet marbuta man-neċessità li jiġi mgħolli l-livell tiegħu.

63 Dan huwa dak li jirriżulta mill-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17, li bħala kriterji għall-kalkolu tal-ammont tal-multa, jikkunsidra biss il-gravità u t-tul ta' żmien tal-ksur, kif ukoll, essenzjalment, mis-sentenza Musique Diffusion française et vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, u invokata mill-appellanti, fejn fil-punt 106, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li huwa fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-gravità tal-ksur bl-għan li jiġi kkalkolat l-ammont tal-multa li l-Kummissjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ, kif ukoll il-kuntest li fih jitwettaq il-ksur, u tassigura n-natura dissważiva tal-azzjoni tagħha.

64 F'dan il-każ, fil-punt 47 tas-sentenza appellata, li permezz tiegħu l-Qorti tal-Prim'Istanza wieġbet għall-argument tal-appellanti dwar in-nuqqas ta' proporzjonalità bejn din l-allegata żieda tal-livell tal-multi mill-Kummissjoni, u l-għan li tiġi assigurata l-implementazzjoni tal-politika tal-kompetizzjoni, hija ċaħdet dan l-argument iżda, bla preġudizzju għall-evalwazzjoni tagħha tal-gravità tal-ksur kif tirriżulta mill-punti 99 *et seq* ta' din is-sentenza.

65 Għalhekk, b'mod partikolari fil-punt 103 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza, filwaqt li eżaminat il-gravità tal-ksur imwettaq mill-Kummissjoni, fakkret ir-raġunijiet li għalihom il-Kummissjoni kienet iffissat tali ammont ta' multa imposta fuq l-appellanti, u rreferiet f'dan ir-rigward għall-premessi sitta, tmienja u disgħa tad-deċiżjoni kkontestata.

66 B'dan il-mod, il-Qorti tal-Prim'Istanza applikat l-istess soluzzjoni adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Musique Diffusion française et vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, u ripetuta fir-rigward, b'mod aktar speċifiku, tal-applikazzjoni tal-Linji Gwida, fis-sentenza Dansk Rørindustri et vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq. Fil-fatt, fil-kawża li wasslet għal din l-aħħar sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja, mingħajr ma talbet lill-Kummissjoni sabiex tressaq ġustifikazzjonijiet speċifiċi li jmorru lil hinn minn dak meħtieġ skont il-Linji Gwida, fil-punt 232 tal-imsemmija sentenza, osservat li meta dawn jiġu applikati għal ksur li jkun twettaq qabel l-adozzjoni tagħhom, dan la jikkostitwixxi ksur tal-prinċipju ta' non-retroattività u lanqas ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali.

67 Minn dan isegwi li l-Qorti tal-Prim'Istanza ma għandhiex tiġi kkritikata għal nuqqas ta' motivazzjoni u lanqas għal applikazzjoni żbaljata tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

68 Għaldaqstant, l-ewwel żewġ partijiet tal-ewwel aggravju ma jistgħux jintlaqgħu.

69 Permezz tat-tielet parti tal-ewwel aggravju, ADM tilmenta li l-Qorti tal-Prim'Istanza, essenzjalment, ma ddeċidietx li l-Kummissjoni Ewropea kellha tieħu inkunsiderazzjoni d-dħul mill-bejgħ tal-glukonat tas-sodju bħala bażi xierqa għal-kalkolu tal-ammont tal-multa.

70 Fl-ewwel lok, peress li l-Qorti tal-Prim'Istanza enfasizzat, fil-punt 78 tas-sentenza appellata, li d-dħul mill-bejgħ tal-prodott inkwistjoni "jista'" jikkostitwixxi bażi xierqa sabiex jiġi evalwat d-dannu għall-kompetizzjoni fis-suq tal-prodott ikkonċernat fi ħdan il-Komunità Ewropea, l-appellanti ma tistax tikkritikaha li hija tikkontradixxi lilha nfisha meta effettivament ma tikkunsidrax dan il-kriterju bħala bażi xierqa.

71 Fit-tieni lok, u b'mod preliminari, għandu jiġi mfakkar li skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex jiġi stabbilit l-ammont tal-multi, hemm lok li jittieħdu inkunsiderazzjoni t-tul ta' żmien tal-ksur u l-elementi kollha li jistgħu jaffettwaw l-evalwazzjoni tal-gravità ta' dan il-ksur (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, Musique Diffusion française *et* vs Il-Kummissjoni, punt 129, u Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, punt 240).

72 F'dan ir-rigward, il-gravità tal-ksur tad-dritt Komunitarju tal-kompetizzjoni għandha tiġi stabbilita fuq il-bażi ta' għadd kbir ta' elementi, fosthom iċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ, il-kuntest tiegħu u l-effett dissważiv tal-multi, minkejja li ma ġietx stabbilita lista restrittiva jew eżawrjenti tal-kriterji li għandhom jiġu kkunsidrati b'mod obbligatorju (sentenza Dalmine vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 129 u l-ġurisprudenza ċċitata).

73 Fost l-elementi li jistgħu jaffettwaw l-evalwazzjoni tal-gravità tal-ksur jinsabu l-imġiba ta' kull impriża, ir-rwol ta' kull waħda minnhom fl-istabbiliment tal-akkordju, il-profitt li huma setgħu jiksbu minn dan l-akkordju, id-daqs tagħhom u l-valur tal-merkanzija kkonċernata, kif ukoll ir-riskju li ksur ta' dan it-tip jirrappreżenta għall-għanijiet tal-Komunità (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, Musique Diffusion française *et* vs Il-Kummissjoni, punt 129, u Dalmine vs Il-Kummissjoni, punt 130).

74 F'dan il-kuntest, sabiex tiġi stabbilita l-multa, jista' jittieħed inkunsiderazzjoni wkoll id-dħul mill-bejgħ globali tal-impriża, li jagħti indikazzjoni, anki jekk approssimattiva u imperfetta, tad-daqs u tas-saħħa ekonomika tagħha, kif ukoll id-dħul mill-bejgħ tal-merkanzija li hija s-suġġett tal-ksur u li għaldaqstant, jista' jagħti indikazzjoni tad-daqs tal-ksur. Ma għandhiex tiġi attribwita la lil waħda u lanqas lill-oħra minn dawn il-figuri importanza sproporzjonata meta mqabbla mal-elementi l-oħra ta' evalwazzjoni, u għaldaqstant, l-iffissar ta' multa xierqa ma jistax ikun ir-riżultat ta' sempliċi kalkolu bbażat fuq id-dħul mill-bejgħ tal-prodott ikkonċernat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Archer Daniels Midland u Archer Daniels Midland Ingredients vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 100).

75 Barra minn hekk, id-dritt Komunitarju ma jinkludix prinċipji ta' applikazzjoni ġenerali fejn jingħad li s-sanzjoni għandha tkun proporzjonata mad-dħul mill-bejgħ miksub mill-impriża permezz tal-bejgħ tal-prodott li huwa s-suġġett tal-ksur (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Archer Daniels Midland u Archer Daniels Midland Ingredients vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 101).

76 Minn dan isegwi li, bil-kontra ta' dak li ssostni ADM, fil-punt 78 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza ġustament osservat li d-dħul mill-bejgħ tal-glukonat tas-sodju ma jikkostitwixxix l-uniku kriterju li l-Kummissjoni kellha tuża sabiex tevalwa l-gravità tal-ksur. Fi kwalunkwe każ, huwa ma jikkostitwixxix neċessarjament il-punt inizjali għall-kalkolu tal-multi.

77 Dan jirriżulta wkoll mil-Linji Gwida, hekk kif ġie mfakkar fil-punt 61 ta' din is-sentenza. Barra minn hekk, jekk tiġi applikata t-teżi tal-appellanti, din twassal inevitabbilment għal ksur tar-regoli stabbiliti mill-imsemmija Linji Gwida, li l-Qorti tal-Prim'Istanza ġustament irrikonoxxiet li għandhom jiġu applikati għall-ksur imwettaq mill-appellanti.

78 Għaldaqstant, l-appellanti ma tistax tilmenta li l-Qorti tal-Prim'Istanza kisret il-prinċipji ġuridiċi li jirregolaw il-kalkolu tal-multi billi ma użatx id-dħul mill-bejgħ tal-prodott inkwistjoni bħala punt inizjali għall-kalkolu tal-ammont ta' multa imposta fuqha.

79 Fit-tielet lok, filwaqt li tirreferi b'mod partikolari għal premessi tliet mija sebgħa u tmenin sa tliet mija tnejn u tmenin tad-deċiżjoni kkontestata, fil-punti 86 u 87 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza tfakkar kif il-Kummissjoni kienet ikkunsidrat id-dħul mill-bejgħ tal-glukonat tas-sodju sabiex tistabbilixxi l-ammont tal-multa. Hija osservat, f'dan il-kuntest li l-Kummissjoni ma marritx lil hinn mis-

setgħa diskrezzjonali tagħha u fil-punt 114 tal-imsemmija sentenza hija sostniet li "l-ammont bażiku ffissat mill-Kummissjoni għall-ksur imwettaq minn ADM f'dan il-każ [kien] xieraq fid-dawl tal-elementi kollha osservati mill-Kummissjoni fid-[d]eċiżjoni kkontestata u fid-dawl tal-evalwazzjoni li saret ta' xi wħud minn dawn l-elementi f[l-istess] sentenza".

80 Issa, hija ġurisprudenza stabbilita li l-Qorti tal-Ġustizzja mhijiex kompetenti, fil-kuntest ta' appell, li terġa' teżamina l-evalwazzjoni sovrana tal-fatti magħmula mill-Qorti tal-Prim'Istanza, għaliex din tal-aħħar hija l-unika waħda kompetenti sabiex tistħarreġ il-mod li bih il-Kummissjoni evalwat, f'kull każ speċifiku, il-gravità tal-imġiba illegali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Technische Unie vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 196).

81 Minn dan isegwi li t-tielet parti tal-ewwel aggravju ma tistax tintlaqa'.

82 Fir-rigward tar-raba' parti tal-ewwel aggravju, fil-punti 108 sa 110 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza tfakkar li l-ġurisprudenza stabbilita tgħid li l-prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni ma tistax isservi bħala qafas ġuridiku għall-multi fil-qasam tal-kompetizzjoni għaliex il-Kummissjoni għandha setgħa diskrezzjonali wiesgħa ta' evalwazzjoni fl-iffissar tal-ammont tal-multi, u hija mhijiex marbuta mill-evalwazzjoni li tkun għamlet preċedentement (sentenza Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punti 209 sa 213).

83 Fil-punt 111 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza ġustament ikkonkludiet li s-sempliċi fatt li ADM invokat is-sentenza fosfat taż-żingu, huwa minnu nnifsu ineffettiv, sa fejn il-Kummissjoni ma kinitx obbligata li tevalwa din il-kawża bl-istess mod.

84 Issa, għandu jiġi kkonstatat, li fl-appell tagħha, ADM ma tippreżenta l-ebda argument sabiex tikkontesta dan l-element determinanti tal-motivi tas-sentenza appellata.

85 Fil-fatt, ADM tillimita ruħha li tikkontesta l-elementi ta' differenza bejn din il-kawża u dik li wasslet għad-deċiżjoni fosfat taż-żingu osservati mill-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punt 113 tas-sentenza appellata, iżda ma indikatx għal-liema raġunijiet, f'dan il-każ speċifiku, ma għandhiex tiġi segwita l-ġurisprudenza stabbilita, imfakkra mill-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punti 108 u 109 ta' din is-sentenza.

86 Għalhekk, ir-raba' parti tal-ewwel aggravju għandha tiġi miċħuda u konsegwentement, l-ewwel aggravju kollu, parzjalment bħala infondat, u parzjalment, bħala inammissibbli.

*Fuq it-tieni aggravju bbażat fuq żball ta' liġi fl-evalwazzjoni tal-impatt tal-akkordju fuq is-suq rilevanti*

L-argumenti tal-partijiet

87 It-tieni aggravju huwa maqsum fi tliet partijiet.

— Fuq l-ewwel parti tat-tieni aggravju, ibbażata fuq ksur tal-prinċipju li l-Kummissjoni għandha tosserva r-regoli li hija imponiet fuqha nnifisha

88 ADM issostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza ma eżaminatx l-argument tagħha bbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni ma ddefinietx is-suq relevanti sabiex tevalwa l-impatt tal-akkordju, minkejja li din hija kundizzjoni indispensabbli prevista mil-Linji Gwida. Issa, kieku l-Kummissjoni ddefiniet is-suq b'mod korrett, jiġifieri, billi tieħu inkunsiderazzjoni l-prodotti ta' sostituzzjoni fis-suq tal-prodotti ta' kelatina, hija kienet tikkonkludi li ma jeżistix eventwali impatt tal-akkordju fuq il-prezzijiet ipprattikati.

89 Skont il-Kummissjoni, l-argument ta' ADM huwa bbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tal-għan segwit permezz tad-definizzjoni tas-suq inkwistjoni. F'dan il-każ, fil-punt 226 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddefiniet is-suq inkwistjoni qabel ma evalwat il-gravità tal-ksur imwettaq minn ADM. Għalhekk, l-appellanti qed titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi fl-appell, fuq fatti li għalihom hija ma setgħetx tressaq provi fl-ewwel istanza.

— Fuq it-tieni parti tat-tieni aggravju, ibbażata fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni

90 Billi ċaħdet, mingħajr ebda ġustifikazzjoni, l-argument ta' ADM li jeżistu provi tan-nuqqas ta' impatt tal-akkordju fuq is-suq relevanti, il-Qorti tal-Prim'Istanza naqset mill-obbligu tagħha ta' motivazzjoni. F'dan ir-rigward, il-provi mressqa minn ADM fl-ewwel istanza juru mingħajr ebda ambigwità li d-differenza fil-prezz tal-glukonat tas-sodju wara l-akkordju ġiet ikkawżata minn fatturi oħra.

91 Skont il-Kummissjoni, mis-sentenza appellata, b'mod partikolari mill-punti 232 sa 236 tagħha, jirriżulta b'mod ċar li l-Qorti tal-Prim'Istanza eżaminat l-elementi kollha ppreżentati minn ADM qabel ma kkonkludiet li dawn l-elementi ma jippermettux li tiġi sostnuta t-teżi ta' din tal-aħħar.

92 Sussidjarjament, il-Kummissjoni żżid li t-talba ta' ADM tammonta għal talba lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tistħarreġ il-provi ppreżentati fil-prim'istanza, u dan ma jistax jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tagħha fil-kuntest ta' appell.

— Fuq it-tielet parti tat-tieni aggravju, fejn huwa allegat li l-Qorti tal-Prim'Istanza qalbet l-oneru tal-prova b'mod illeċitu

93 Essenzjalment, ADM tilmenta li s-sentenza appellata imponiet fuqha l-oneru tal-prova li, anki fin-nuqqas ta' akkordju, il-prezzijiet kienu jkunu l-istess bħal dawk imressqa mill-Kummissjoni. Issa, minn naħa, mil-Linji Gwida jirriżulta li hija l-Kummissjoni li għandha tipprova li l-prezzijiet kienu jkunu inqas fin-nuqqas ta' akkordju. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Prim'Istanza nfisha rrikonoxxiet, fil-punti 177 u 184 tas-sentenza appellata, li ma kienx possibbli li jingħata prezz eżatt tal-prodott ikkonċernat, fin-nuqqas ta' akkordju.

94 Fir-rigward tal-Kummissjoni, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li hija kienet ipprovat b'mod suffiċjenti, għall-finijiet tal-liġi, l-impatt tal-ksur fuq is-suq tal-glukonat tas-sodju. B'dan il-mod, hija kkonstatat li ADM ma kinitx ipprovat li definizzjoni oħra tas-suq rilevanti kienet twassal għal konklużjoni differenti, f'dak li jirrigwarda l-impatt tal-akkordju. Din it-tielet parti tat-tieni aggravju essenzjalment tammonta għal talba lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tevalwa mill-ġdid il-fatti fl-appell, u għaldaqstant, hija inammissibbli.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

95 Fir-rigward tat-tieni aggravju, li t-tliet partijiet tiegħu għandhom jiġu trattati flimkien, għandu jiġi mfakkar qabel kollox li, fil-kuntest tal-kalkolu tal-multa skont il-Linji Gwida, l-impatt konkret tal-akkordju fuq is-suq rilevanti huwa element li jista' jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata l-gravità tal-ksur imwettaq.

96 Fl-ewwel lok, fil-punt 226 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza osservat li fil-premessi erbgħa u tletin sa wieħed u erbgħin tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ddefiniet is-suq tal-prodott inkwistjoni bħala dak tal-glukonat tas-sodju fil-forom solidi u likwidi tiegħu u tal-prodott bażiku tiegħu, l-aċidu glukoniku. Hawnhekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza enfasizzat ir-raġunijiet li għalihom il-Kummiss-joni ma kinitx ħadet inkunsiderazzjoni s-suq iktar wiesa' kif sostnut minn ADM.

97 Fit-tieni lok, fil-punti 229 sa 231 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza ġustament enfasizzat li s-sempliċi affermazzjoni minn ADM li l-Kummissjoni adottat definizzjoni żbaljata tas-suq rilevanti, mhijiex minnha nfisha biżżejjed sabiex tipprova li, permezz tad-definizzjoni tas-suq issuġġerita mill-appellanti, il-ksur inkwistjoni ma kienx ikollu impatt fuq l-imsemmi suq.

98 Fit-tielet lok, wara li fil-punti 232 tas-sentenza appellata, hija fakkret il-metodu użat mill-Kummissjoni sabiex turi l-impatt tal-ksur inkwistjoni fuq is-suq li hija kienet iddefiniet, fil-punti 233 sa 237 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti tal-Prim'Istanza osservat li l-appellanti sempliċement affermat li l-Kummissjoni kienet wettqet żbalji fid-definizzjoni tas-suq rilevanti, mingħajr madankollu ma spjegat sa fejn hija ssostni li din id-definizzjoni tas-suq eskludiet kull impatt reali tal-ksur inkwistjoni.

99 Minn dawn l-elementi jirriżulta li ADM ma tistax tilmenta li l-Qorti tal-Prim'Istanza ppermettiet lill-Kummissjoni tevalwa l-impatt tal-ksur inkwistjoni mingħajr ma ddefiniet preċedentement is-suq rilevanti. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-punt 226 tas-sentenza appellata, il-Kummissjoni fil-fatt wettqet tali definizzjoni.

100 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza, fil-kuntest tal-evalwazzjoni sovrana tagħha tal-fatti, ikkunsidrat li l-analiżi tal-impatt tal-ksur inkwistjoni fuq is-suq rilevanti kienet konvinċenti fid-dawl tal-provi mressqa mill-Kummissjoni għal dan il-għan. B'dan il-mod, filwaqt li rreferiet għall-premessa tliet mija erbgħa u ħamsin tad-deċiżjoni kkontestata, hija fakkret li sabiex issostni l-analiżi tagħha, il-Kummissjoni rrelatat b'mod partikolari l-prezz tal-glukonat tas-sodju mal-implementazzjoni tal-akkordju, stmat il-livell tal-prezz ta' dan il-prodott li kien jipprevali fin-nuqqas tal-akkordju inkwistjoni u fl-aħħar nett, iddeterminat l-impatt tal-ksur imwettaq mill-appellanti fuq is-suq tal-glukonat tas-sodju.

101 Bl-istess mod, il-Qorti tal-Prim'Istanza la tista' tiġi akkużata li qalbet l-oneru tal-prova f'dak li jikkonċerna d-definizzjoni tas-suq rilevanti, u lanqas li ma mmotivatx l-evalwazzjoni tagħha.

102 Fil-fatt, fl-ewwel lok, fil-punt 237 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza llimitat ruħha li tikkonstata li l-appellanti baqgħet ma pprovdiet l-ebda prova li l-impatt tal-akkordju inkwistjoni fuq is-suq iktar wiesa' li hija tissuġġerixxi kien negliġibbli, jew saħansitra ineżistenti. B'dan il-mod, l-appellanti ġiet ġustament mitluba tressaq provi sabiex tirribatti l-analiżi tal-Kummissjoni li l-Qorti tal-Prim'Istanza rreferiet għaliha fil-punti 196 u 197 tas-sentenza appellata u li kienet intiża sabiex tipprova l-korrelazzjoni bejn l-evoluzzjoni tal-prezzijiet fuq is-suq tal-glukonat tas-sodju u d-dħul fis-seħħ tal-akkordju.

103 Issa, tali prova kienet tkun iktar meħtieġa fid-dawl tal-fatt, minn naħa, li ADM osservat fil-ewwel istanza li l-prezzijiet tal-prodotti li, fil-fehma tagħha, kellhom jittieħdu inkunsiderazzjoni flimkien mal-glukonat tas-sodju għas-suq rilevanti, evolvew bl-istess mod bħal dawk tal-glukonat tas-sodju u, min-naħa l-oħra, hekk kif l-Avukat Ġenerali osserva fil-punt 154 tal-konklużjonijiet, li l-appellanti ssostni li l-akkordju ma kellux impatt fuq is-suq rilevanti minkejja li hija pparteċipat fih għal diversi snin.

104 B'dan il-mod, fit-tieni lok, il-Qorti tal-Prim'Istanza wieġbet għall-argument imressaq minn ADM rigward l-allegat nuqqas ta' impatt tal-akkordju fuq is-suq tal-glukonat tas-sodju billi sostniet li l-provi mressqa mill-appellanti ma jirribattux l-analiżi tal-Kummissjoni u għalhekk, issodisfat l-obbligu ta' motivazzjoni impost fuqha.

105 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li mill-Artikoli 225 KE u mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-Qorti tal-Prim'Istanza hija l-unika li għandha ġurisdizzjoni, minn naħa, sabiex tikkonstata l-fatti, ħlief fil-każ fejn l-ineżattezza materjali tal-osservazzjonijiet tagħha tirriżulta mill-atti tal-proċess li ġew ippreżentati quddiemha, u, min-naħa l-oħra, sabiex tevalwa dawn il-fatti. Ladarba l-Qorti tal-Prim'Istanza tkun ikkonstatat jew evalwat il-fatti, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-ġurisdizzjoni li teżerċita, skont l-Artikolu 225 KE, stħarriġ fuq il-klassifikazzjoni ġuridika ta' dawn il-fatti u l-konsegwenzi ta' dritt li waslet għalihom il-Qorti tal-Prim'Istanza. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tikkonstata l-fatti u lanqas, bħala regola, sabiex teżamina l-provi li l-Qorti tal-Prim'Istanza qieset insostenn ta' dawn il-fatti. Din l-evalwazzjoni għaldaqstant ma tikkostitwixxix, ħlief fil-każ tal-iżnaturament ta' dawn il-provi, kwistjoni ta' dritt imressqa, bħala tali, għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Lulju 2008, Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala, C-413/06 P, Ġabra p. I-4951, punt 29).

106 F'dan il-każ, filwaqt li fl-appell tagħha hija tirreferi għall-provi mressqa fl-ewwel istanza u meqjusa bħala insuffiċjenti mill-Qorti tal-Prim'Istanza, l-appellanti fil-fatt qed titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex teżamina mill-ġdid dawn il-provi, mingħajr ma ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza żnaturat dawn tal-aħħar, u huwa għalhekk li hija madankollu ma għandhiex ġurisdizzjoni.

107 Barra minn hekk, billi ġie deċiż, b'mod partikolari, fil-punt 102 ta' din is-sentenza, li l-Qorti tal-Prim'Istanza ma kinitx qalbet l-oneru tal-prova, u billi l-appellanti ma invokatx żnaturament tal-provi, it-tieni aggravju għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu, parzjalment, bħala infondat, u, parzjalment, bħala inammissibbli.

*Fuq it-tielet aggravju, ibbażat fuq żball ta' liġi fl-iffissar tad-data ta' tmiem l-akkordju*

L-argumenti tal-partijiet

108 Dan l-aggravju huwa maqsum f'erba' partijiet

— Fuq l-ewwel parti tat-tielet aggravju, ibbażata fuq ksur tal-Artikolu 81 KE minħabba applikazzjoni żbaljata tar-regoli dwar it-tmiem tal-akkordju

109 Essenzjalment, ADM tikkontesta l-analiżi tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punt 247 tas-sentenza appellata, dwar l-intenzjonijiet tagħha matul il-laqgħa tal-4 ta' Ottubru 1994. Fil-fatt, billi qieset li l-imġiba ta' ADM matul din il-laqgħa ma kinitx intiża sabiex tħabbar l-irtirar tagħha mill-akkordju, iżda kienet ħafna iktar strateġika u bl-għan li timponi r-rieda tal-appellanti fi ħdan l-akkordju, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li ADM xtaqet tkompli bir-rwol tagħha. Ma jistax jiġi lmentat li ADM kellha biss l-intenzjoni li tkompli bl-akkordju, inkwantu hija esprimiet pubblikament ir-rieda tagħha li ma tipparteċipax iktar fl-akkordju u inkwantu l-Artikolu 81 KE ma jippermettix l-użu ta' elementi suġġettivi bħala bażi għad-determinazzjoni ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tiegħu, iżda jillimita ruħu li jipprojbixxi atti stabbiliti.

110 Skont il-Kummissjoni, il-kriterju rilevanti li l-irtirar mill-akkordju għandu jkun ikkomunikat pubblikament jitlob li l-membri kollha tiegħu jifhmu l-imġiba tal-impriża fis-sens li hija tieqaf tipparteċipa f'tali akkordju. F'dan ir-rigward, l-oneru tal-prova ta' tali ftehim jaqa' fuq din l-impriża. Issa, minkejja li ADM ipprovat li hija telqet mil-laqgħa tal-4 ta' Ottubru 1994 qabel ma spiċċat, hija ma pprovatx li l-parteċipanti l-oħrajn fehmu l-imġiba tagħha bħala rtirar mill-akkordju. Fi kwalunkwe każ, dan huwa dak li jidher mill-provi meqjusa mill-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punt 249 tas-sentenza appellata.

— Fuq it-tieni parti tat-tielet aggravju, ibbażat fuq żnaturament tal-provi

111 Skont ADM, huwa żbaljat li, fil-punti 248 sa 250 tas-sentenza appellata, fuq il-bażi tax-xhieda ta' JBL u Roquette, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma kkonkludietx li hija kienet waqfet milli tipparteċipa fl-akkordju sa mil-laqgħa tal-4 ta' Ottubru 1994. B'dan il-mod, il-Qorti tal-Prim'Istanza żnaturat dawn il-provi.

112 Għall-Kummissjoni, mill-provi li tirreferi għalihom ADM, jirriżulta li Roquette ħarġet mill-akkordju fl-4 ta' Ottubru 1994. Issa, dan ma jfissirx li l-akkordju ġie mitmum f'din id-data, u wisq inqas ma jfisser li ADM waqfet tipparteċipa fih.

— Fuq it-tielet parti tat-tielet aggravju, ibbażata fuq il-fatt li l-Qorti tal-Prim'Istanza kisret l-Artikolu 81 KE meta kkunsidrat li l-laqgħa ta' bejn it-3 u l-5 ta' Ġunju 1995 taqa' taħt l-ambitu ta' prattika antikompetittiva

113 Fuq il-bażi tal-premessa li hija kienet waqfet tipparteċipa fl-akkordju wara l-laqgħa tal-4 ta' Ottubru 1994, ADM tikkunsidra li l-Qorti tal-Prim'Istanza kisret l-Artikolu 81 KE meta ddeċidiet li l-imsemmi akkordju baqa' fis-seħħ sussegwentement u li l-laqgħa ta'

bejn it-3 u l-5 ta' Ġunju 1995 kienet issostni din it-teżi. Issa, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma talbitx li l-Kummissjoni tipprova li d-diskussjonijiet li seħħew matul din il-laqgħa kellhom effett antikompetittiv.

114 Skont il-Kummissjoni, peress li ADM ma waqfitx tippartecipa fl-akkordju fid-data tal-4 ta' Ottubru 1994, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat ġustament li l-laqgħa ta' bejn it-3 u l-5 ta' Ġunju 1995 ma kinitx il-bidu ta' akkordju ġdid.

— Fuq ir-raba' parti tat-tielet aggravju, ibbażata fuq interpretazzjoni żbaljata ta' prova

115 Billi n-nota attribwita lil Roquette li fuqha l-Qorti tal-Prim'Istanza bbażat l-evalwazzjoni tagħha dwar it-tkomplija tal-akkordju, b'mod partikolari fil-punt 263 tas-sentenza appellata, tfasslet minn Roquette waqt il-laqgħa ta' bejn it-3 u l-5 ta' Ġunju 1995, din tal-aħħar żnaturat din il-prova taħt żewġ aspetti. Minn naħa, din in-nota tfasslet mill-awtoritajiet Amerikani tal-kompetizzjoni, u min-naħa l-oħra, din in-nota ma tfasslitx matul il-laqgħa ta' bejn it-3 u l-5 ta' Ġunju 1995.

116 Il-Kummissjoni tenfasizza li mill-premessa mitejn tlieta u tletin tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li n-nota ċċitata mill-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punt 263 tas-sentenza appellata ġiet ipprovduta minn Roquette. Fi kwalunkwe każ, din il-prova mhijiex minnha nfisha deċiżiva fl-argument tal-Qorti tal-Prim'Istanza.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

117 Qabel kollox, għandu jiġi mfakkar li fil-kuntest ta' appell, l-eżami tal-Qorti tal-Ġustizzja huwa llimitat għall-iżbalji ta' liġi bħal l-iżnaturament tal-provi li setgħu twettqu mill-Qorti tal-Prim'Istanza.

118 Għalhekk, fil-kuntest tal-ewwel parti tat-tielet aggravju, ADM tikkontesta l-fatt li l-Qorti tal-Prim'Istanza ma interpretatx it-tluq tagħha mil-laqgħa tal-4 ta' Ottubru 1994 bħala t-tmiem tal-parteċipazzjoni tagħha fl-akkordju inkwistjoni. B'dan il-mod, il-Qorti tal-Prim'Istanza applikat b'mod żbaljat il-kriterju ta' distakkar pubbliku billi inkludiet komponent suġġettiv, jiġifieri l-intenzjoni ta' ADM.

119 Skont ġurisprudenza stabbilita, sabiex tiġi pprovata suffiċjentement il-parteċipazzjoni ta' impriża f'akkordju, biżżejjed li jintwera li l-impriża kkonċernata pparteċipat f'laqgħat li fihom ġew konklużi ftehim ta' natura anti-kompetittiva, mingħajr ma opponiethom manifestament. Ladarba tiġi stabbilita l-parteċipazzjoni ta' impriżi f'tali laqgħat, hija l-impriża kkonċernata li għandha tressaq provi ta' natura li jistgħu jistabbilixxu li l-parteċipazzjoni tagħha fl-imsemmija laqgħat kienet nieqsa minn kull għan anti-kompetittiv, billi turi li hija kienet indikat lill-kompetituri tagħha li hija kienet qed tipparteċipa f'dawk il-laqgħat fi spirtu differenti minn tagħhom (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Jannar 2004, Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni, C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, Ġabra p. I-123, punt 81).

120 Konsegwentement, huwa l-mod kif il-parteċipanti l-oħra fl-akkordju jifhmu l-intenzjoni tal-impriża kkonċernata li huwa determinanti sabiex jiġi evalwat jekk din tal-aħħar kellhiex l-intenzjoni li tiddistakka ruħha mill-akkordju illegali. Għalhekk, fil-punt 247 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza setgħet ġustament tiddeċiedi li s-sempliċi fatt li l-appellanti kienet telqet mil-laqgħa tal-4 ta' Ottubru 1994 ma setax minnu nnifsu, jiġi kkunsidrat bħala distakkar pubbliku mill-akkordju inkwistjoni, u li hija ADM li kellha tressaq indizji li l-parteċipanti fl-akkordju kkunsidraw li hija temmet il-parteċipazzjoni tagħha.

121 F'dan ir-rigward, fil-kuntest tat-tieni parti tat-tielet aggravju, ADM sostniet li l-Qorti tal-Prim'Istanza żnaturat il-provi mressqa billi, fil-punt 248 tas-sentenza appellata, hija ddeċidiet li l-ebda wieħed mid-dokumenti invokati mill-appellanti ma ta lok għall-konklużjoni li l-membri l-oħra tal-akkordju kienu fehmu l-imġiba tagħha matul il-laqgħa tal-4 ta' Ottubru 1994 bħala distakkar pubbliku mill-kontenut innifsu tal-akkordju.

122 Sabiex tipprova li hija kienet temmet il-parteċipazzjoni tagħha fl-akkordju kkontestat wara l-laqgħa tal-4 ta' Ottubru 1994, ADM ibbażat ruħha b'mod partikolari fuq id-dokumenti pprovduti mill-parteċipanti l-oħra ta' din il-laqgħa, jiġifieri ittra tal-21 ta' Mejju 1999 indirizzata minn JBL lill-Kummissjoni, ittra tat-12 ta' Mejju 1998 indirizzata minn Fujisawa lill-Kummissjoni, u ittra tat-30 ta' April 1999 indirizzata minn JBL lill-Kummissjoni. F'dan il-każ, l-appellanti ma tikkontestax il-kontenut ta' dawn id-dokumenti kif ikkonstatat mill-Qorti tal-Prim'Istanza, iżda l-interpretazzjoni tagħhom li hija għamlet fil-punti 249 sa 251 tas-sentenza appellata.

123 Għalhekk, fir-rigward tal-ittri ta' JBL tat-30 ta' April u tal-21 ta' Mejju 1999, il-Qorti tal-Prim'Istanza osservat, fil-punti 249 u 251 tas-sentenza appellata, li dawn ma kien fihom ebda deskrizzjoni tal-imġiba ta' ADM matul il-laqgħa tal-4 ta' Ottubru 1994, u llimitat ruħha li tindika li Roquette ma kinitx ser tibqa' tosserva dawn l-akkordji anti-kompetittivi.

124 B'dan il-mod, il-Qorti tal-Prim'Istanza adottat interpretazzjoni għal kollox leġittima ta' dawn id-dokumenti billi qieset li dawn ma kinux jippermettu lil ADM tipprova li hija kienet irtirat mill-akkordju wara l-laqgħa tal-4 ta' Ottubru 1994.

125 Bil-kontra, fuq il-bażi tal-provi msemmija fil-punti 250 u 251 tas-sentenza appellata, li mhumiex ikkontestati minn ADM, jiġifieri l-ittra ta' Fujisawa tat-12 ta' Mejju 1998 li tindika li l-akkordju ġie mitmum biss fl-1995, kif ukoll l-ittra ta' JBL tat-30 ta' April 1999 li tindika li l-appellanti, matul il-laqgħa tal-4 ta' Ottubru 1994, kienet talbet strutturar mill-ġdid tal-kwoti ta' bejgħ, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li ADM baqgħet ma

pprovatx li hija kienet temmet il-parteċipazzjoni tagħha fl-akkordju matul din il-laqgħa, u dan mingħajr ma żnaturat l-provi li hija kellha għad-dispożizzjoni tagħha.

126 Fir-rigward tar-raba' parti tat-tielet aggravju, għandu jiġi mfakkar li l-Qorti tal-Prim'Istanza bbażat ruħha fuq ħames elementi sabiex tiddeċiedi li l-akkordju inkwistjoni kompla sal-laqgħa ta' bejn it-3 u l-5 ta' Ġunju 1995.

127 Għalhekk, fil-punti 258 sa 262 tas-sentenza appellata hija fakkret, mingħajr ebda kontestazzjoni minn ADM, li matul l-imsemmija laqgħa l-membri kollha tal-akkordju kienu preżenti u li l-parteċipanti ddiskutew dwar il-volum tal-bejgħ tal-glukonat tas-sodju matul l-1994 bl-għan li jipprovaw jistabbilixxu sistema ġdida ta' informazzjoni dwar dawn il-volumi sabiex jiddeterminaw id-daqs globali tas-suq tal-glukonat tas-sodju.

128 Wara dan, il-Qorti tal-Prim'Istanza, fil-punt 263 tas-sentenza appellata, ibbażat ruħha fuq dokument li hija attribwiet lil Roquette li jikkonferma li matul il-laqgħa ta' bejn it-3 u l-5 ta' Ġunju, il-parteċipanti kellhom l-intenzjoni li jkomplu bl-imġiba anti-kompetittiva tagħhom.

129 Barra minn hekk, fil-punt 264 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet il-provi mressqa minn ADM li, fil-fehma tagħha, kienu tali li jwaqqgħu l-pożizzjoni li ħadet il-Kummissjoni fir-rigward tal-laqgħa ta' bejn it-3 u l-5 ta' Ġunju 1995.

130 Fl-aħħar nett, fil-punt 266 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li l-argument ibbażat fuq il-fatt li l-imsemmija laqgħa kkoinċidiet ma' laqgħa industrijali ġenerali ma kienx relevanti.

131 Konsegwentement, u fid-dawl tal-fatt li l-Qorti tal-Prim'Istanza ġustament iddeċidiet li l-Kummissjoni setgħet tikkunsidra li ADM ma kinitx temmet il-parteċipazzjoni tagħha fl-akkordju matul il-laqgħa tal-4 ta' Ottubru 1994, din ma wettqitx żball ta' liġi billi kkonfermat it-teżi tal-Kummissjoni li l-laqgħa ta' bejn it-3 u l-5 ta' Ġunju 1995 kienet tkomplija tal-akkordju inkwistjoni.

132 Għal dan il-għan, il-Qorti tal-Prim'Istanza bbażat ruħha fuq fatti u provi li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex il-kompetenza li teżamina mill-ġdid f'appell, ħlief fil-każ tal-iżnaturament tagħhom.

133 F'dan il-każ, fil-kuntest tar-raba' parti tat-tielet aggravju, ADM issostni li, fil-punt 263 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza żnaturat in-nota provduta lill-Kummissjoni minn Roquette, billi attribwiet it-tfassil tagħha lil din tal-aħħar, matul il-laqgħa ta' bejn it-3 u l-5 ta' Ġunju 1995.

134 Jirriżulta, madankollu, li hekk kif enfasizzat l-appellanti u rrikonoxxiet ukoll il-Kummissjoni, dan id-dokument ma tfassalx minn Roquette iżda ġie biss ipprovdut minnha, u li tfassal wara l-imsemmija laqgħa.

135 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Prim'Istanza żnaturat din il-prova.

136 Madankollu, bħalma osservat l-Avukat Ġenerali fil-punti 214 u 215 tal-konklużjonijiet tagħha, tali żnaturament ma jistax jinvalida s-sentenza appellata.

137 Fil-fatt, kif jirriżulta mill-punti 126 sa 130 ta' din is-sentenza, ir-raġunijiet adottati mill-Qorti tal-Prim'Istanza sabiex tiddeċiedi li l-laqgħa ta' bejn it-3 u l-5 ta' Ġunju 1995 kienet tikkostitwixxi tentattiv li jitkompla l-akkordju illegali, huma bbażati fuq ħames elementi, fosthom in-nota attribwita lil Roquette.

138 Barra minn dan, il-Qorti tal-Prim'Istanza stess immoderat is-saħħa probatorja ta' dan id-dokument billi qieset, fil-punt 263 tas-sentenza appellata, li l-imsemmija nota tagħti biss idea impreċiża tal-kontenut tad-diskussjonijiet li saru matul il-laqgħa ta' bejn it-3 u l-5 ta' Ġunju 1995 u billi kkunsidratha sempliċement bħala konferma tat-teżi adottata mill-Kummissjoni.

139 Għaldaqstant, ir-raba' parti tat-tielet aggravju hija ineffettiva.

140 Fl-aħħar nett, fir-rigward tat-tielet parti tat-tielet aggravju, għandu jiġi mfakkar, kif għamlet il-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punt 265 tas-sentenza appellata, li għall-finijiet tal-eżami tal-applikazzjoni tal-Artikolu 81(1) KE għal akkordju jew għal prattika miftehma, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-effetti konkreti ta' ftehim huwa superfluwu meta jidher li l-għan tiegħu jkun ir-restrizzjoni, il-prevenzjoni, jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern. Għalhekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma wettqet l-ebda żball ta' liġi f'dan ir-rigward.

141 Għaldaqstant, minn dak kollu li ntqal jirriżulta li t-tielet aggravju għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu, parzjalment, bħala infondat u, parzjalment, bħala inammissibbli.

*Fuq ir-raba' aggravju, ippreżentat sussidjarjament u bbażat fuq żball ta' liġi fir-rigward ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' ċirkustanzi attenwanti*

L-argumenti tal-partijiet

142 Skont ADM, billi fil-punt 287 tas-sentenza appellata l-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet l-obbligu tal-Kummissjoni li tagħti l-benefiċċju taċ-ċirkustanzi attenwanti previsti fil-Linji Gwida fil-każ tat-tmien tal-akkordju, hija tat interpretazzjoni żbaljata ta' dawn tal-aħħar. Barra minn hekk, u bil-kontra ta' dak li ddeċidiet il-Qorti tal-Prim'Istanza, l-applikazzjoni ta' ċirkustanzi attenwanti ma tistax tiġi affettwata mill-fatt li l-akkordju kkontestat kien sigriet.

143 Il-Kummissjoni tqis li l-Qorti tal-Prim'Istanza ġustament ma kkunsidratx li l-waqfien mill-ksur iwassal awtomatikament għal tnaqqis fil-multa. F'dan il-każ, il-Kummissjoni għandha marġni ta' diskrezzjoni li tieħu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, l-imġiba tal-impriża inkwistjoni. F'dan il-każ, ADM ma kkontribwixxitx b'mod deċiżiv fil-proċedura amministrattiva, b'tali mod li hija ma setgħetx tibbenefika minn ċirkustanzi attenwanti.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

144 Għandu jiġi mfakkar li l-punt 3 tal-Linji Gwida jindika, essenzjalment, li l-ammont bażiku tal-multa ffissata mill-Kummissjoni hija mnaqqsa, b'mod partikolari, meta l-impriża inkriminata twaqqaf il-ksur sa mill-ewwel interventi tal-Kummissjoni.

145 F'dan ir-rigward, fil-punt 280 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza osservat li din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li huma biss iċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ ikkonċernat, li fihom l-ipoteżi tal-waqfien mill-ksur mal-ewwel interventi tal-Kummissjoni ssir konkreta, li jistgħu jiġġustifikaw it-teħid inkunsiderazzjoni ta' din l-aħħar ċirkustanza bħala ċirkustanza attenwanti.

146 Għaldaqstant, il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet it-teżi tal-appellanti li l-waqfien tal-akkordju kellu jwassal awtomatikament għall-applikazzjoni ta' tnaqqis tal-ammont bażiku tal-multa, skont il-punt 3 tal-Linji Gwida, billi enfasizzat, fil-punt 279 tas-sentenza appellata, li tali interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tkun ta' ħsara għall-effett utli tal-Artikolu 81(1) KE.

147 Ma jistax jiġi allegat li l-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball tal-liġi.

148 Fil-fatt, għandu jiġi kkonstatat li r-rikonoxximent tal-benefiċċju ta' tali tnaqqis tal-ammont bażiku, huwa neċessarjament marbut maċ-ċirkustanzi tal-każ li jistgħu jwasslu lill-Kummissjoni sabiex tiddeċiedi li impriża li tipparteċipa f'akkordju illegali ma għandhiex tibbenefika minnu.

149 Għalhekk, jekk jiġi rikonoxxut il-benefiċċju ta' ċirkustanza attenwanti f'sitwazzjonijiet fejn impriża hija parti minn akkordju manifestament illegali, li hija kienet taf bih jew li ma setgħetx ma tkunx taf li kien jikkostitwixxi ksur, dan jista' jħeġġeġ lill-impriżi sabiex jidħlu f'akkordju sigriet għall-itwal żmien possibbli, bit-tama li l-imġiba tagħhom ma tinkixef qatt, filwaqt li jkunu jafu li jekk l-imġiba tagħhom tinkixef, huma jistgħu jkollhom il-multa mnaqqsa billi jwaqqfu l-ksur. Tali rikonoxximent ineħħi kull effett diswassiv tal-multa imposta u jkun ta' ħsara għall-effett utli tal-Artikolu 81(1) KE.

150 Għaldaqstant, il-Qorti tal-Prim'Istanza ġustament iddeċidiet li peress li l-appellanti li pparteċipat f'akkordju sigriet, fatt li hija ma tikkontestax, ma tistax titlob il-benefiċċju ta' tnaqqis tal-ammont bażiku tal-multa imposta fuqha abbażi tal-fatt li hija temmet l-imġiba illegali tagħha sa mill-ewwel interventi tal-awtoritajiet Amerikani tal-kompetizzjoni.

151 Għalhekk, ir-raba' aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

152 Minn dak kollu li ntqal jirriżulta li l-appell għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu peress li l-aggravji ppreżentati insostenn tiegħu huma parzjalment inammissibbli u parzjalment infondati.

**Fuq l-ispejjeż**

153 Skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, applikabbli għall-proċedura tal-appell skont l-Artikolu 118 ta' dawn l-istess Regoli, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li l-appellanti tilfet, hemm lok li tiġi ordnata tbati l-ispejjeż, kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**1) L-appell huwa miċħud.**

**2) Archer Daniels Midland Co. hija kkundannata għall-ispejjeż.**

Firem